# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 481/2012**

Il-Pulizija

(Supt. Norbert Ciappara)

vs

**Kurt Buttigieg**

iben Vincent, imwieled Pieta', fid-9 ta' Ottubru, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 559081(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Kurt Buttigieg, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Ottubru 2008 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja

jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Otturbu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 9 tal-G.N. 292 ta'l-1939, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin euro (€50), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru, 2012, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin euro (€35) dovut.

Ordnat ulterjorment, ai termini ta' l-artikolu 28B(1) tal-Ligijiet ta' Malta li l-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-5 ta' Dicembru, 2007, tigi reza operattiva.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht id-direzzjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Kurt Buttgieg ipprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tannulla s-sentenza appellata jew, altemattivament, tirriformaha billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuza dedotta kontrih u fejn gie kkundannat ghal multa ta' hames mitt euro (€ 500) u tirrevokaha fil-bqija, jew, alternattivament, tvarjaha f'dik il-parti fejn tikkoncema l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati adottat procedura li ma hijiex konformi ma' dik delineata fl-artikolu 28D(1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu hu fil-fatt car fil-portata tieghu u jezigi li l-Qorti tohrog citazzjoni ("summons" fit-test Ingliz) li biha tordna lill-hati li jidher quddiemha fdata u f'hin li jkunu specifikati fiha, jew tohrog mandat ghall-arrest tieghu. Infatti l-forma tac-citazzjoni jew mandat ta' arrest hija spjegata fl-artikolu 28D(2) ta' l-istess Kodici. Kull ma gara f'dan il-kaz kien li l-Qorti ordnat lill-hati jidher fis-seduta ta' wara. La inharget citazzjoni u wisq inqas mandat ta' arrest.

Illi l-iskop tac-citazzjoni jew mandat ta' arrest huma cari. Il-ligi titkellem dwar ordni li ssir "lill-hati " , u cioe' lill-persuna li tkun gja' giet ikkundannata. Effettivament dan l-iter ma giex segwit. Ghalkemm is-sentenza li kkundannat lill-esponent giet moghtija biss fit-8 ta' Ottubru, 2012, il-Qorti tal-Magistrati, fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2012, kienet gja' kklassifikatu bhala l-"hati" (sic!). Dan ma huwiex korrett. Il-procedura delineata fl-artikolu 28D(1) imsemmi hija konsegwenza ta' sejbien ta' htija li tiehu l-forma spjegata fl-artikolu 28D(2). Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li l-procedura u l-forma f'dan il-kaz gew kompletament ivvintati mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati hija severa wisq ghall-akkuza ta' pussess ta' ammont zghir hafna ta' kokajina.

Illi ghalkemm l-ufficjal prosekutur qabel mad-difiza li s-sentenza sospiza kellha tigi estiza, il-Qorti tal-Magistrati, wara li ddikjarat lill-esponent hati qabel ma tatu sentenza, injorat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u ordnat li s-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi reza applikabbli. JirrizuIta car mill-inizzjattiva mehuda mill-Qorti ex officio, mill-procedura adottata u mill-piena erogata li l-esponent gie effettivament ikkundannat ben oltre l-akkuza migjuba kontrih. Dan ma huwiex gust tenut kont partikolarment tal-fatt li gie msejjah jirrispondi ghar-reat ta' pussess semplici ta' kokajina u mhux ta' l-izbalji kollha li huwa ghamel f'hajtu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-6 ta' Mejju, 2009 l-appellant gie akkuzat, permezz ta' citazzjoni, li fid-19 ta' Ottubru, 2008 u matul il-jiem ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina.

Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati li nzammet fis-16 ta' Jannar, 2012 l-appellant ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi dak in-nhar stess il-Qorti tal-Magistrati ddeferriet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju, 2012.

Illi fit-30 ta' Mejju, 2012 dik il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza peress li mill-fedina penali aggornata jidher li reat li bih l-appellant hu akkuzat, gie kommess waqt li kienet operattiva sentenza sospiza u dik il-Qorti ddikjarat li dak kien qed isir skont l-artikolu 28D tal-Kodici Kriminali. Dak in-nhar stess, il-Prosekuzzjoni ezebiet is-sentenza relativa lill-Qorti. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ordnat "lill-hati" ( recte lill-akkuzat) biex jidher ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 sabiex jigi trattat dwar is-sentenza sospiza.

Illi fil-15 ta' Gunju, 2012 deher l-imputat debitament assistit. Saret trattazzjoni dwar dan il-punt u il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-8 ta' Ottubru, 2012. Dak in-nhar inghatat is-sentenza.

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li wara li l-ewwel Qorti qanqlet il-problema tas-sentenza sospiza, il-Prosekuzzjoni ma talbet ebda korrezzjoni tac-citazzjoni li kient inharget kontra l-appellant. Ghalhekk, hu car li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni u il-Qorti strahu fuq dak li jghid l-artikolu 28D tal-Kodici Kriminali.

Illi l-ewwel Qorti kellha ragun li tqajjem il-kaz hi stess. Hi ghandha dan il-poter. Madanakollu minn qari tal-artikolu tal-ligi haw fuq citat jidher car li l-ewwel Qorti kellha tordna l-hrug ta' citazzjoni jew mandat ghall-arrest ta' l-appellant. L-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti meta tqanqal dan il-problema u ghalhekk it-triq li kellha tiehu l-Qorti hu li tordna l-hrug ta' citazzjoni 'ad hoc' dwar il-kaz, jekk il-Prosekuzzjoni, minn jedda, ma talbietx il-korrezzjoni tac-citazzjoni.

Ghalhekk, hu car li l-ewwel Qorti ma setghetx tadotta l-procedura li adottat billi tiddeferixxi l-kaz biex din il-kwistjoni tigi trattata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien ikun ferm iktar ghaqli li l-ewwel Qorti tippronunzja ruhha fuq il-kaz originali u ic-citazzjoni 'ad hoc' tigi deciza mill-istess Qorti diversament presjeduta.

Ghalhekk, hu car li l-ewwel aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti dwar il-kaz din il-Qorti ma tara ebda raguni ghal modifika ta' l-istess.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Kurt Buttigieg u qed tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li qed tordna li s-sentenza sospiza tal-5 ta' Dicembru, 2007 ma tigiex fis-sehh. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza u tordna lill-appellant li ghandu jhallas is-somma ta' hames mitt euro (€500), hekk kif ordnat mill-ewwel Qorti.